III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) *

P7_TA(2009)0030

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) mill-Komunità Ewropea u dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tagħha (COM(2009)0326 – C7-0092/2009 – 2009/0085(CNS))**

(2010/C 265 E/09)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2009)0326),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 175(1), 300(2), l-ewwel subparagrafu, u 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0092/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0026/2009),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Istatut;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Ċerti atti tal-Kunsill li skadew fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni *

P7_TA(2009)0031

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jirrevoka ċerti atti tal-Kunsill li skadew fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni (COM(2009)0377 – C7-0134/2009 – 2009/0103(CNS))**

(2010/C 265 E/10)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0377),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0134/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0018/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Id-delegazzjoni ta' xogħol ta' analiżi fil-laboratorji *

P7_TA(2009)0032

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill biex temenda d-Direttiva 2000/29/KE rigward id-delegazzjoni ta' xogħol ta' analiżi fil-laboratorji (COM(2009)0424 – C7-0160/2009 – 2009/0117(CNS))**

(2010/C 265 E/11)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0424),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-KE li skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsuklta l-Parlament (C7-0160/2009),

— wara li kkonsulta l-Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0017/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda b'mod sustanzjali l-proposta tal-Kummissjoni

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.